



# It-Trinità Qaddisa fil-Festi Maltin

Alfred Caruana

Il-Marsa hija ferm ixxurtjata li l-parroċċa tagħha hija ddedikata lit-Trinità Qaddisa, ħaġa li hi unika fil-parroċċi Maltin u Għawdxin. Sa mill-bidu nett tas-seklu dsatax, il-protestantiżmu Ingliż kien qiegħed jerfa' rasu sew f'dawn il-gżejjer peress li konna kolonja Ingliża. Fil-fatt kien twaqqaf il-pro-Katidral ta' San Pawl fil-Belt Valletta mir-reġina Adelaide li għamlitu minn flusha u f'dik il-ħabta wkoll kienet twaqqfet l-iskola tal-protestanti.

Fl-1866 inħasset il-ħtieġa li tinbena wkoll knisja fl-inħawi ta' Tas-Sliema biex taqdi l-bżonnijiet tal-Anglikani u din iddedikawha lis-Santissima Trinità. Issa, ladarba f'dak iż-żmien Malta kienet meqjusa bħala kattoliċissima u nobilissima, inħass li għandu jkun hemm knisja li tiġi ddedikata wkoll lis-Santissima Trinità u għalhekk il-Providenza Divina nebbħet lill-benefatturi, il-koppja Lorenzo u Karmena Balbi, biex jibnu knisja ġdida li tkun iddedikata lit-Trinità Qaddisa.

Fl-Isla diġà kien hemm devozzjoni kbira lejn it-Trinità Qaddisa tant li kienet twaqqfet fratellanza tas-Santissima Trinità fl-1652. Għal dan l-għan saret statwa ferm artistika u devota fl-1840 li kienet toħroġ proċessjonalment u baqgħet toħroġ sal-1967.

Issa ejjew nagħtu ħarsa lejn xi vari tat-Trinità li jintramaw fl-ibliet u fl-irħula Maltin fil-festi rispettivi tagħhom. Fil-Marsa, minbarra l-istatwa titulari, insibu tnejn oħra. Waħda minnhom saret fil-ħamsinijiet maħduma minn ċertu Duminku mill-Belt li kien joqgħod fi Triq Zerafa. Niftakar li meta kont tfajjel mort nara din il-vara d-dar tiegħu. Din l-istatwa tintrama għall-ġranet tal-festa fi Triq il-Marsa, fl-inħawi tal-pjazza tal-Iscouts.



***Din l-istatwa tintrama f'Marsa Road, il-Marsa, quddiem il-pjazza GF Abela ta' fejn l-Iscouts.***

*ikompli f'paġna 65*

L-istatwa l-oħra li tintrama fil-Marsa għall-ġranet tal-festa hija dik ferm riċenti li titqiegħed quddiem il-knisja parrokkjali. Din saret mil-artist Camilleri Cauchi u għandha l-bradella ferm maestuża. Jekk nibqgħu l-Marsa u mmorru fil-parroċċa ta' Marija Reġina nsibu li bix-xieraq tintrama statwa tat-Trinità peress li Marija Santissima ġiet inkurunata mill-istess Trinità kif jingħad f'waħda mill-posti tar-Rużarju. Din l-istatwa tintrama n-naħa ta' fuq tat-Triq Nicolo Isouard, kantuniera ma' Triq Enrico Sacco li fiha hemm il-knisja parrokkjali. L-istatwa turi lit-Trinità tinkuruna lil Marija Santissima bħala reġina tas-sema u tal-art.



*Din l-istatwa tintrama quddiem il-knisja parrokkjali tas-Santissima Trinità, il-Marsa.*



*Din l-istatwa tintrama fi Triq Nicolo Isouard, il-Marsa, Parroċċa Marija Reġina.*



*Din l-istatwa tintrama fi Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun.*

Mhux wisq 'il bogħod mill-Marsa nsibu statwa oħra tat-Trinità Qaddisa li tintrama fi Triq il-Kbira San Ġużepp quddiem Daniel Shopping Complex fil-Ħamrun. Din turi lil San Gejtanu mal-Anġlu u mal-Madonna biex jiġi milqugħ fil-glorja tas-sema mis-Santissima Trinità.



*Din l-istatwa tintrama fi Triq San Ġużepp, Ħal Tarxien.*

Ħal Tarxien ukoll insibu statwa oħra tat-Trinità li tintrama fi Triq San Ġużepp. Din l-istatwa turi lill-Verġni Mbierka bħala l-għaxqa tat-Trinità Qaddisa. L-iskultur tagħha huwa Aaron Camilleri Cauchi. Id-disinn tal-bradella ferm sabiħa huwa ta' Salvu Pace u l-iskultura tal-istess bradella hija ta' Manuel Grech.

Bormla wkoll insibu statwa ferm sabiħa tat-Trinità bi bradella u pedestall maestużi. Din tintrama fi pjazza Paolino Vassallo, quddiem l-istess każin tal-banda San Ġorġ. Din l-istatwa turi l-Kunċizzjoni fin-nofs u ftit 'il fuq jidhru t-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa li l-Madonna hija l-għaxqa tagħhom. Din saret mill-istatwarju Camilleri Cauchi fl-2005.



*Din l-istatwa tintrama f'Bormla.*

B'dan it-tagħrif nikkonkludi li t-Trinità Qaddisa mhix meqjuma u magħrufa l-Marsa biss iżda fost il-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Nixtieq minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lill-Marsin kollha.